DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR150967** **04. 05. 2015**

**FTUĦ TAL-PARLAMENT IL-ĠDID**

*Onorevoli Speaker, Onorevoli Prim Ministru, Onorevoli Kap tal-Opposizzjoni, Onorevoli deputati parlamentari,*

Il-ġrajja tal-lum hija ġrajja sinifikanti, għaliex se tintrabat ma' mixja storika li teħodna lura għal ħafna snin u li kienet imnebbħa mill-ħtie[a li pajjiżna jkun indipendenti, ħieles u sovran, b'vuċi u rwol internazzjonali li evolva skond ir-realtajiet soċjo-storiċi li kienu jdawruna u li mingħajr dubju sawruna.

Min-na]a l-oħra dan is-sit li sa ftit snin ilu kien ifakkarna fl-effett ikrah tat-Tieni Gwerra Dinjija, illum din il-binja li qed ninawguraw għandha tfakkarna li, minkejja is-snin u minkejja d-differenzi, iċ-ċokon u l-limitazzjonijiet tiegħu, pajjiżna xorta rnexxielu jimxi 'l quddiem, jinbena, jimmodernizza ruħu, grazzi għall-ħidma kollettiva ta' dawk kollha f'pajjiżna li emmnu u ħadmu b'risq il-poplu tagħna.

Illum ukoll, dan il-bini ġdid, fejn il-Parlament Malti se jibda jiltaqa' qed jagħtina opportunità biex nagħmlu ftit riflessjonijiet dwar id-demokrazija f'pajjiżna u l-ġid li nistgħu nagħmlu permezz tagħha.

Il-Parlament huwa l-ogħla istituzzjoni demokratika Maltija. Fil-fehma tiegħi, demokrazija b'saħħitha u ġenwina hi dik li, waqt li tirrifletti l-għażliet tal-maġġoranza f'sistema bħal tagħna, ta' demokrazija rappreżentattiva, tagħti wkoll widen u tirrispetta, l-ideat tal-minoranza, mhux biss dik parlamentari, iżda wkoll, ta' vuċijiet fis-soċjetà inġenerali. Demokrazija b'saħħitha u ġenwina trid tirrifletti wkoll, il-vuċijiet ta' dawk fostna, li qed ibatu soċjalment, għaliex dawn, mhux bilfors għandhom vuċi b'saħħitha li tinstema'.

Bl-istess mod, demokrazija b'saħħitha għandha tirrifletti s-soċjetà kollha kemm hi. Meta llum, naraw li r-rappreżentanza tan-nisa fil-Parlament Malti, meta kkomparata ma' ta' pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea, u ssibha li hija 13% biss, u li din ir-rata hija fost lanqas fl-Unjoni Ewropea, bilfors ikolli nappella biex naħdmu aktar biex ir-rappreżentanza tan-nisa fi ħdan din l-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna, tkun ferm aktar preżenti fiż-żmien li ġej, jekk irridu tassew Parlament li jkun verament rappreżentattiv tas-soċjetà sħiħa Maltija.

Il-ftuħ ta' dan il-bini ġdid għall-Parlament Malti, għandu jipprovdi opportunità sabiex id-deputati eletti mill-poplu, juru aktar rispett lejn xulxin, fejn ikun l-argument li jgħodd u mhux it-tgħajjir personali. It-tgħajjir ma jagħtiex ġieh lil min jagħmlu. Lanqas ma jagħti ġieh lil din l-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna. Fil-fehma tiegħi, meta l-membri parlamentari f'pajjiżna ma jurux rispett xieraq lejn xulxin, ma jkunux qed jirrispettaw lill-poplu li eleġihom biex jirrappreżentawh, għaliex huwa l-Parlament kollu kemm hu, li jirrappreżenta lill-poplu Malti b'mod sħiħ.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Huwa meta l-membri kollha tal-kamra jkunu kapaċi jirrispettaw lil xulxin, li l-Poplu tagħna jkun kapaci jirrispetta u jagħraf il-ħtiega li nittolleraw u napprezzaw il-fehmiet ta' xulxin, anke meta ma naqblux ma' xulxin.
Għalhekk nappella biex dan l-eżempju li jinħtieġ li nagħtu lill-poplu tagħna jsir il-mod kif nimxu 'l quddiem fil-ħajja parlamentari ta' pajjiżna.

Kemm huma waqtiet sbieħ fid-demokrazija ta' pajjiżna, meta l-Parlament isib il-mezz kif jaddatta l-ahjar idejat minn kull naha u jinstab qbil unanimu fuq ligijiet. F'dawn il-waqtiet, toħroġ l-aqwa turija ta' maturità politika u responsabilità sħiħa tagħkom bħala rappreżentanti tagħna l-poplu.

Bla dubju ta' xejn il-kritika tinħtieġ li ssir, iżda l-kritika għandha ssir fi spirtu kostruttiv bil-għan li mmexxu dan il-pajjiż 'il quddiem.

Meta missirijietna ddeċidew li jieħdu t-triq tad-demokrazija għal pajjiżna, ħallewlna diversi eżempji ta' maturità u għaqda politika.

Il-maturità politika toħroġ fl-aqwa tagħha, fil-proċess ta' tibdil kostituzzjonali fejn hemm bżonn tal-approvazzjoni taż-żewġ terzi tal-kamra. Nazzarda ngħid li anki hawn, fid-diskussjoni u fid-deċiżjoni, il-vuċijiet ta' nies oħra mhux rappreżentati f'din il-kamra iżda li jgawdu ċertu appoġġ mill-poplu għandhom jinstemgħu fl-ispirtu ta' demokrazija sostantiva u inklussiva.

Nieħu l-opportunità, biex infakkarkom fil-wegħdi elettorali li għamiltu biex taġġornaw il-Kostituzzjoni Repubblikana sabiex tirrifletti l-aspirazzjonijiet u l-ħtiġijiet tal-lum. Irrid infakkarkom li din l-ogħla liġi ta' pajjiżna tipprovdi s-salvagwardji meħtieġa għall-ħarsien tad-drittijiet tal-poplu tagħna, kif ukoll toffri l-qafas regolatorju għall-operat demokratiku tal-istrutturi tagħna li jassiguraw li l-Maltin u l-Għawdxin ikunu rispettati.
Konvinta li kulħadd jaf li kull għodda tinħtieġ aġġornament biex tibqa' effettiva. Hekk ukoll il-Kostituzzjoni, trid tkun aġġornata jekk tassew trid taqdi lill-Poplu Malti.

Sadanittant bħala poplu għandna biex inkunu kburin, għaliex għandna kamra tad-deputati li tinkludi nies li ġejjin minn diversi oqsma u mogħnija b'talenti differenti. Dan jawgura tajjeb għat-tiġdid demokratiku ta' pajjiżna li jeħtieġ aġġornament u tisħiħ kontinwu.

Għalhekk nawgura li dan il-bini ġdid joffri spazju fejn il-membri tal-kamra jkollhom il-faċilitajiet meħtieġa biex ikunu f'qagħda li mhux biss ikomplu jaġġornaw iżda jkollhom il-mezz biex ikunu fornuti bl-informazzjoni u t-tagħrif meħtieġ ħalli jkunu jistgħu jaqdu dmirhom bl-aqwa mod.

Sadanittant ma nistax f'okkażjoni bhal tal-lum ninjora dak li qed jiġri madwarna. Pajjiżna u r-reġjun ta' madwarna qed jaffaċċjaw sitwazzjoni fejn eluf u eluf ta' nies qed jitilqu minn kontinenti milquta mill-konsegwenzi koroh ta' storja kolonjali flimkien ma' sitwazzjonijiet ta' vjolenza li jieħdu forom differenti.

Eluf ta' nies qed jitilqu biex jitbiegħdu wkoll minn stat imwiegħer ta' sottożvilupp bi ftit possibilitajiet ta' mpjieg, gwerer ċivili li għandhom parti mill-għeruq tagħhom fl-industrija tal-armamenti, il-firxa tal-mard qerriedi bħal fil-każ tal-Ebola u l-effetti koroh tal-bidla fil-klima.

Hemm ukoll *policies* li mhumiex ko-erenti, li ma jaspirawx koezjoni soċjali globali, bħalma huma s-sussidji li jingħataw lill-bdiewa fl-Amerika ta' Fuq u fl-Ewropa, li tagħmilha diffiċli għall-bdiewa fl-Afrika biex jidħlu fis-swieq u jbiegħu l-prodotti tagħhom.

Dawn is-sitwazzjonjiet u oħrajn iwasslu biex nies ta' etajiet differenti jsalpaw lejn pajjiżi oħra. Jippruvaw jaqsmu d-deżert tas-Saħara, għal ġol-Libja u pajjiżi oħra fl-Afrika ta' Fuq, bis-sitwazzjonijiet diffiċli li hemm, biex imbagħad jittantaw xortihom jaqsmu lejn l-Ewropa, wara li jkunu taw ġidhom lil min lest jisfrutta l-miżerja tagħhom. Dawk li jirnexxilhom jaslu hawn u fuq il-kontinent Ewropew, forsi anki wara li tilfu xi għeżież tagħhom tul l-istess vjaġġ, isibu ruħhom f'sitwazzjonijiet diffiċli ta' xort'oħra.

Għeżież membri ta' dan il-Parlament, jeħtieġ li nagħmlu sforz kollettiv sabiex nisimgħu l-ilmenti ta' dawn in-nies li m'għandhomx *lobby* b'saħħtu.

L-għarfien u l-kumpassjoni huma żewġ kwalitajiet li nemmen li huma dmirijiet ta' kull membru ta' din il-Kamra, anki fl-ispirtu ta' solidarjetà li dan l-aħħar eluf ta' Maltin esprimew fir-rigward tal-vittmi ta' din is-sitwazzjoni mwiegħra.

Għalhekk nappella lill-membri ta' din il-Kamra, biex ma titkaxxkrux mill-ftit vucijiet vociferi kontra dawn l-umani bhalna, u tissoktaw bil-ħidma tagħkom, fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u l-bqija tad-dinja, biex tinstab soluzzjoni umana u internazzjonali għall-kwistjoni tal-immigrazzjoni mill-Africa u l-Lvant Nofsani. B'hekk ma niddependux fuq soluzzjonijiet nazzjonali għal problema bħal din, li hi ta' natura globali.

Ma rridux ukoll ninsew id-dritt fundamentali ta' kull bniedem għall-ażil politiku li l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 tirrikonoxxi. L-eżerċizzju ta' dan id-dritt, nazzarda ngħid, permezz ta' ħruġ ta'viża umanitarja, jista' jwassal għal waqfien ta' traġedji bħal ma ilna naraw u, jisgħobbija ngħid, nibża' li ser inkomplu naraw. Kif ġie rrappurtat f'ħarġa tal-ġurnal Ingliż *The Guardian* fis-sena 2013, aktar minn 20,000 persuna tilfu ħajjithom f'għoxrin sena jippruvaw jaqsmu l-Mediterran: irġiel, nisa, tfal u trabi. Irridu naħdmu bla waqfien biex ma nibqgħux naraw ritratti tal-waħx u ta' qsim il-qalb bħal dawk ta' tfal żgħar reqdin ir-raqda eterna u bikrija tagħhom f'dan il-qabar Mediterranju.

Huma xeni ta' għajb għall-umanità, xeni li juruna li huma l-ħafna li jitħallew barra mill-indiċi tat-tħassib morali. Donnhom ċerti nies għandhom id-dritt li jgħixu filwaqt li oħrajn jiċċaħdu mill-istess dritt u jitqiesu bħalikieku kienu skart uman.

Nappella wkoll lill-membri ta' din il-Kamra biex jagħmlu l-almu tagħhom biex ifasslu liġijiet immirati lejn it-tnaqqis drastiku tal-faqar relattiv u assolut. Għandna statistika oħra li twaħħax fl-Ewropa fejn skont l-ex President tal-Kummissjoni Ewropea, in-numru tal-foqra mistenni jilħaq il-mitt miljun sal-2020 (l-elfejn u għoxrin), meta l-mira kienet li dan jonqos mit-tmenin miljun li kellna sa Ottubru li għadda. Għandna persuni fuq il-paga minima li ma jistgħux ilaħħqu mal-ispiża tal-ħajja, u għalhekk jeħtieġ li ma ndumux ma naraw membri tal-Kamra jiddiskutu l-introduzzjoni ta' paga soċjali (*social wage*). Il-faqar jimmina l-proċess ta' parteċipazzjoni demokratika. Min m'għandux għaxja ta' lejla jsibha diffiċli jipparteċipa fl-isfera pubblika.

Hawnhekk qed niftakar fid-diskussjonijiet li qed ikolli mat-tfal u ż-żgħażagħ fl-iskejjel tagħna fejn jixtiequna, lilna 'l kbar napprezzaw iktar l-importanza tal-ambjent. Fil-laqgħat ta' diskussjonijiet

mat-tfal u ż-żgħażagħ qed nirrealizza li l-ġenerazzjonijiet futuri, huma mħassba mill-fatt li llum l-iżvilupp urban mhux qed iħallilhom lok għal spazji rikreattivi fejn jistgħu jgawdu l-ambjent.

Hu d-dover ukoll tal-membri ta' din il-Kamra li jassiguraw il-ħarsien tal-ambjent uman u naturali billi jgħaddu liġijiet għal dan il-għan, li jirrispettaw l-iżvilupp sostennibli, u jaraw li dawn ma jinkisrux. Għandna dover lejn il-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Irridu nqisu l-ambjent bħala misluf mingħandhom!

Hemm ħtieġa wkoll li nfasslu liġijiet dwar l-edukazzjoni, l-impjiegi, il-politika soċjali u t-tħaddin taċ-ċittadinanza li jassiguraw li kulħadd jeżerċita 'd-dritt li jiggverna' - dritt li jassigura demokrazija parteċipatorja u ta' sustanza. Irridu nirrikonoxxu d-differenza bejn demokrazija formali, imħarsa mill-Istat u li ssib il-qofol f'demokrazija rappreżentattiva, u dik sostantiva, dak li bl-Ingliż jissejjah 'substantive democracy', li twassal għal ċttadinanza attiva.

Għalhekk din l-ogħla istituzzjoni m'għandhiex ikollha monopolju fil-proċess demokratiku. Għall-kuntrarju għandha tgħin sabiex tassigura li l-proċess jinfirex f'kull settur tas-soċjetà. Għandha tinfirex fuq livelli ta' lokalitajiet, reġjuni, istituzzjonijiet, soċjetà ċivili u postijiet tax-xogħol. U għandha għal darb'oħra tassigura proċess li biha l-vuċi tal-minoranza tinstema'.

L-isfidi demokratiċi ma jieqfu qatt u jirrekjedu proċess ta' edukazzjoni kontinwa fost dawk li għandhom id-dmir li jiddiskutu u jilleġislaw sabiex jegħlbuhom. L-isfidi f'qafas ta' demokrazija huma opportunità għat-tisħiħ tal-maturità politika ta' pajjiżna.Id-demokrazija mhix kisba ta' darba, iżda hija proċess li jinbena kuljum u li l-ħarsien tiegħu irid jissaħħaħ f'kull żmien.

Għalhekk fl-aħħarnett nawguralkom bżulija u ħidma ġenwina f'dan il-bini ġdid, b'risq id-demokrazija li tista' tkun imsaħħa biss meta naħdmu favur l-inklużjoni soċjali, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, it-tolleranza, il-ġustizzja soċjali u r-rispett lejn id-diversità. Jekk minn dan il-bini ġdid, joħroġ dan il-ġid kollu, allura, il-poplu tagħna jkun qed jingħata dak li jixraqlu, jiġifieri Parlament li tassew jirrappreżenta lil kull wieħed u waħda minna, aħna min aħna, ġejjin minn fejn ġejjin; għax ikun Parlament li tassew jirrifletti l-aspirazzjonijiet tal-lum u ta' għada.